# ĦU SEHEM FIS-SUĊĊESS GLOBALI TAGĦNA FADDAL FLUSEK

Fuljett Internazzjonali - 2024
Malta

Share Save

Flutter™

# AQSAM FIS-SUĊĊESS KOLLETTIV TAGĦNA



Aħna irridu lil kull membru li jagħmel parti mil-familja ta' Flutter jaqsam fis-suċċess kollettiv, globali tagħna. Għalhekk bi pjaċir ninfurmawk li l-pjan tagħna ta' Sharesave qed jerġa' jiġi offrut għall-2024.

Sharesave huwa mod effettiv u sostenibbli biex iġġemma l-flus u tibbenefika milli tkun parti minn kumpanija li qed tikber.

Sharesave hija miftuħa għal kollegi kollha, sew jekk ingħaqadt magħna fuq bażi permanenti, kif ukoll jekk ingħaqadt fuq bażi ta' terminu fiss. Tista' tapplika wkoll jekk għadek kif ingħaqadt magħna u għadek fi żmien ta' prova.*

**Hawn ser issib tagħrif dettaljat dwar il-pjan u kif jaħdem.**

*Ma tistax tapplika għal Sharesave jekk inti kuntrattur.
Trid tkun impjegat fis-26 ta' Novembru 2024.

# Għaliex Sharesave?

Biex tkopri l-ispejjeż ta' kuljum jista' jkun diġà diffiċli biżżejjed,u dan mingħajr ma jifdal flus żejda xi twarrab għat-tfaddil. U anki meta tibda tfaddal, li tkompli jista' jkun sfida.

Permezz ta' Sharesave, tista' tibda tfaddal b'ammont żgħir u għamilniha faċli għalik biex tkompli. L-ammont li tfaddal jonqos dirett mis-salarju tiegħek kull xahar ħalli int tkun tista' isserrraħ rasek għax taf li aħna qed nieħdu ħsieb kollox.



# Kif jaħdemw Sharesave

**Int tfaddal kull xahar għal tliet snin (36 xahar biex inkunu preċiżi). Tista' tfaddal bejn ont minimu u massimu (u l-ammont li tagħżel irid jibqa' l-istess għal-perjodu kollu). L-ammont minimu u massimu huwa l-istess fil-postijiet kollha, konvertiti fil-munita lokali.**

Jekk int diġà parteċipi f'Sharesave oħra, dan l-ammont massimu japplika għall-pjanijiet kollha tiegħek.

Qabel ma tibda tfaddal b'Sharesave, ser ngħidulek x'inhu l-prezz tal-opzjoni. Dan huwa l-prezz medju tal-ishma fil-25 ta' Novembru 2024 imraħħas b'25%. Jekk fi tmiem ta' tliet snin, il-prezz tal-isħma hu ogħla minn dan, dak ikun il-profitt tiegħek.

| Pajjiż | Munita | Ammont minimu ta' tfaddil kull xahar | Ammont massimu ta' tfaddil ta' kull xahar |
|---|---|---|---|
| **Malta - Int. & Tombola** | EUR | 12 | 500 |
| **Malta - PPB** | EUR | 12 | 500 |



# Fi tmiem it-tliet snin*, tista' tagħżel li:



## TIXTRI

Ishma ta' Flutter Entertainment plc bi skont ta' 25%. Imbagħad tkun azzjonist u għandek iċ-ċans li taqsam fis-suċċess globali tagħna fil-ġejjieni

**JEW**

## TBIGĦ

l-ishma li tkun xtrajt – u xorta tgawdi skont ta' 25%

**JEW**

## TIEĦU

t-tfaddil tiegħek lura imma ma tibbenefikax minn skont ta' 25%

*Se jkollok sitt xhur biex tiddeċiedi x'tixtieq tagħmel meta tlesti t-tfaddil kollu tiegħek.

# Spjegazzjoni ta' l-ishma

**F'għeluq it-tliet snin, int ser ikollok l-opportunità li tixtri ishma fi Flutter Entertainment plc.**

Dan ifisser li se tkun proprjetarju ta' parti mill-kumpanija tagħna u tkun azzjonist. Dawn l-ishma huma kkwotati fil-Borża ta' Londra u bħal fil-każ tal-ishma kollha, il-valur tagħhom se jitla u jinżel matul it-tliet snin. F'termini ġenerali, jekk il-prestazzjoni tagħna tkun tajba, inti tistenna li l-prezz tal-ishma tagħna jogħla, għalhekk it-tfaddil tiegħek se jibbenefika wkoll.



# L-Attivita' ta' Sharesave



**Dan huwa xenarju ta' eżempju li jenfasizza l-benefiċċji li tieħu sehem f'Sharesave:**

Rick beda jfaddal €70.00 fix-xahar f'Sharesave fl-2023. Il-prezz tal-opzoni ġie stabbilit għal £105.28*. Fuq tliet snin, faddal €2,520.00 (ekwivalenti għal £2,160).

**Fi tmiem il-pjan wara tliet snin, Rick sab li l-prezz tal-ishma kien żdied għal £150.00.**

**Huwa ddeċieda li juża t-tfaddil tiegħu biex jixtri l-ishma (20 sehem).**

**Id-differenza bejn l-ammont li faddal, u l-valur tal-ishma tiegħu hija ta' €979.68, li jfisser li għamel profitt ta' aktar minn 35%.**

*Il-prezz tal-opzjoni ta' Sharesave tal-2023 (FLTR – LSE)

Ftakar li l-prestazzjoni tal-passat mhijiex neċessarjament gwida għall-prestazzjoni futura. Il-prestazzjoni tal-investimenti mhijiex garantita, u l-valur ta' kwalunkwe investiment jista' jinżel kif ukoll jitla'.

Tista' tirtira t-tfaddil tiegħek, kollu kemm hu, waqt jew fi tmiem il-pjan. L-eżempju ta' hawn fuq ma jassumi l-ebda bidla fir-rati tal-FX matul it-3 snin. Ara www.flutter-shareplans.com għal eżempji dettaljati.

# Daqqa t'għajn fuq il-benefiċċji ta'

## WARA TLIET SNIN:

**1**

Jekk tbigħ l-ishma, se tibbenefika mill-iskont ta' 25% kif ukoll minn kwalunkwe żieda fil-prezz tal-ishma

**2**

Jekk issir azzjonist fil-familja Flutter, se tibbenefika mill-iskont ta' 25% u tgawdi l-potenzjal li taqsam is-suċċess futur tagħna

**3**

Jekk tieħu t-tfaddil tiegħek, se tirċievi lura l-istess ammont li faddalt - m'intix se titlef flus

**4**

It-taxxa fuq id-dħul u s-sigurtà soċjali jistgħu jitħallsu bir-rata tat-taxxa marġinali tiegħek mal-eżerċizzju tal-opzjonijiet tiegħek. Jekk ikun dovut, dan għandu jitħallas fuq id-differenza bejn il-valur ġust tas-suq tal-ishma fl-eżerċizzju u kwalunkwe ammont imħallas minnek għall-ishma.

Għal aktar dettalji dwar it-taxxa pagabbli f'pajjiżek, jekk jogħġbok ara t-tabella f'paġna 10.

**LEST/A BIEX TINGĦAQAD MA' SHARESAVE** Ikklikkja hawn biex tingħaqad ›

# Tajjeb li tkun taf

## Jekk il-pjanijiet tiegħek jinbidlu

Nafu li l-ħajja tista' tkun imprevedibbli, għalhekk tajjeb tkun taf li Sharesave jista' jaħdem skont il-bżonnijiet tiegħek.

**Tista' tieqaf tħallas fil-pjan sa sitt xhurs** (m'għandhomx għalfejn ikunu konsekuttivi) u x-xhur sempliċement jiżdiedu mat-terminu oriġinali tal-pjan meta tkun lest biex terġa' tibda tfaddal.

**Jekk tmur fuq leave fit-tul**, se tkompli tħallas f'Sharesave (jekk is-salarju tiegħek mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-kontribuzzjonijiet tiegħek ser ikollok tagħmel arranġamenti mal-bank għal 'standing order'. Int ser tkun tista' wkoll tieħu pawża mit-tfaddil.

**Tista' tieqaf tfaddal fi kwalunkwe ħin matul it-tliet snin** u tieħu lura s-somma li diġà faddalt.

## Jekk titlaq minn Flutter

Jiddispjaċina jekk titlaq imma jekk titlaq il-familja ta' Flutter **int dejjem se tieħu lura il-flus li faddalt.** Jekk ir-raġuni għaliex qed tħallina hija għax qed tirtira fl-età speċifikata, saħħtek mhijiex tajba jew ingħatajt is-sensja, tista' jew tieħu lura t-tfaddil tiegħek jew tixtri numru mnaqqas ta' ishma.

## Jekk timxi għal f'impjieg ieħor ġewwa Flutter

Jekk tirriloka f'kumpanija oħra fil-familja ta' Flutter, **tista' tkompli tfaddal (ser ikollok tagħmel arranġamenti mal-bank għal 'standing order').**

Jekk tirriloka internazzjonalment, ir-regoli tat-taxxa tal-pajjiż lokali se japplikaw għal kwalunkwe profitt u bonus ta' SAYE, li se jiġu diskussi miegħek f'dak iż-żmien.

## Jekk tixtieq issir taf aktar dwar Sharesave

Tista' ssib aktar informazzjoni fuq www.flutter-shareplans.com

# Sharesave skont il-post

Il-leġiżlazzjoni tat-taxxa tista' tinbidel u r-regoli li japplikaw illum jistgħu jkunu differenti meta tiġi biex tbigħ l-ishma tiegħek. Jekk jogħġbok żomm f'moħħok li l-informazzjoni ta' hawn fuq mhijiex parir u jekk m'intix ċert dwar xi wieħed mill-obbligi tat-taxxa tiegħek għandek tikkonsulta konsulent tat-taxxa kkwalifikat

| Pajjiż | Munita | Ammont minimu ta' tfaddil ta' kull xahar | Ammont massimu ta' tfaddil ta' kull xahar | Trasportatur tat-Tfaddil | Taxxa | It-Tfaddil huwa Protett? |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Malta International & Tombola** | EUR | 12 | 500 | Kont tal-Euro ta' Barclays (Flutter Treasury) | Id-differenza bejn il-valur tas-suq tal-ishma fl-eżerċizzju u l-prezz skontat imħallas għall-ishma hija kkunsidrata bħala benefiċċju periferali u se tkun soġġetta għat-Taxxa fuq l-Introjtu. Din it-taxxa se tinżamm mill-paga tiegħek matul ix-xahar tal-eżerċizzju tal-opzjoni. L-impjegati residenti u domiċiljati f'Malta se jkunu soġġetti għat-taxxa f'Malta fuq kwalunkwe qligħ kapitali li jsir meta jbiegħu l-ishma tagħhom (soġġett għal kwalunkwe eżenzjoni mit-taxxa doppja, jekk applikabbli). It-taxxa fuq il-qligħ kapitali titħallas bir-rati progressivi tat-taxxa kif applikabbli għalik. Il-qligħ kapitali jammonta għad-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ u l-valur tas-suq tal-ishma fiż-żmien tal-eżerċizzju tal-opzjoni. Għall-impjegati residenti iżda mhux domiċiljati f'Malta, it-taxxa fuq il-qligħ kapitali ġeneralment ma tinħoloqx f'Malta sakemm il-qligħ kapitali ma jiġix riċevut f'Malta. | Iva - Skema ta' Kumpens tad-Depożitant |
| **Malta PPB** | EUR | 12 | 500 | MeDirect Bank | Id-differenza bejn il-valur tas-suq tal-ishma fl-eżerċizzju u l-prezz skontat imħallas għall-ishma hija kkunsidrata bħala benefiċċju periferali u se tkun soġġetta għat-Taxxa fuq l-Introjtu. Din it-taxxa se tinżamm mill-paga tiegħek matul ix-xahar tal-eżerċizzju tal-opzjoni. L-impjegati residenti u domiċiljati f'Malta se jkunu soġġetti għat-taxxa f'Malta fuq kwalunkwe qligħ kapitali li jsir meta jbiegħu l-ishma tagħhom (soġġett għal kwalunkwe eżenzjoni mit-taxxa doppja, jekk applikabbli). It-taxxa fuq il-qligħ kapitali titħallas bir-rati progressivi tat-taxxa kif applikabbli għalik. Il-qligħ kapitali jammonta għad-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ u l-valur tas-suq tal-ishma fiż-żmien tal-eżerċizzju tal-opzjoni. Għall-impjegati residenti iżda mhux domiċiljati f'Malta, it-taxxa fuq il-qligħ kapitali ġeneralment ma tinħoloqx f'Malta sakemm il-qligħ kapitali ma jiġix riċevut f'Malta. | Iva - Skema ta' Kumpens tad-Depożitant |



# Jekk trid tipparteċipa f'Sharesave

## L-applikazzjonijiet ta' Sharesave se jifetħu fis-26 ta' Novembru 2024 u huwa faċli li tapplika online http://flutter.solium.com

**QED TFADDAL GĦAL L-EWWEL DARBA?**
Tista' t'attiva il-kont tiegħek billi tagħfas fuq il-link li ġej:

**Attiva il-kont tiegħek ›**

Int mitlub li t'attiva il-kont tiegħek billi tuża' **'L-emejl tiegħi fil-kumpanija'**. Jekk ma għandekx emejl ta' Flutter jekk jogħġbok uża l-emejl personal tiegħek li għandek irreġistrat fuq is-sistema ta' l-HR lokali.

Meta tkun komplejt id-dettalji ta' l-emajl tiegħek, inti għandek tircievi emejl li fiha il-link biex t'attiva il-kont. **Niġbidlek l-attenzjoni li l-emejl tirrikjedi informazzjoni speċifika biex tlesti il proċess t'attivazjoni tal-kont. (Data ta' Twelid u Kunjom)**

Agħfas il-link biex taċċessa il-paġna tal-verifikazzjoni u daħħal id-dettalji ta' identifikazzjoni meħtieġa.

Meta l-identita' tiegħek tiġi verifikata, oħloq 'login ID', 'Username' u 'password'. Niġbidlek l-attenzjoni li jekk tagħżel li ma toħloqx 'username', is-sistema ser tiġġenera numru bħala l-username tiegħek. L-aċċess għal kont tiegħek ikun immedjat.

**FADDALT QABEL?**
Jekk diġà għandek kont ta' Shareworks, idħol bl-isem tal-utent u l-password tiegħek bħas-soltu.

**Idħol ›**

Biex tapplika għal Sharesave mur fit-'Task Area' fuq id-Dashboard tiegħek - sempliċement ikklikkja fuq **Applika għal Kuntratt**.




**L-applikazzjonijiet għal Sharesave ta' din is-sena għandhom isiru qabel 23:59pm GMT fl-10 ta' Diċembru 2024**

# Jekk trid tipparteċipa f'Sharesave

## L-applikazzjonijiet ta' Sharesave se jifetħu fis-26 ta' Novembru 2024 u huwa faċli li tapplika online flutter.solium.com

**QED TFADDAL GĦALL-EWWEL DARBA?**
Jekk din hi l-ewwel darba f'Sharesave, ser tkun trid tirreġistra għal kont Shareworks u ser tintbagħatlek email ta' attivazzjoni biex tibda.

**FADDALT QABEL?**
Jekk diġà għandek kont ta' Shareworks, idħol bl-isem tal-utent u l-password tiegħek bħas-soltu.




L-applikazzjonijiet għal Sharesave ta' din is-sena għandhom isiru qabel 23:59pm GMT fl-10 ta' Diċembru 2024

# Enfasizza d-dati

| | |
|---|---|
| Prezz tal-opzjoni stabbilit fil | 25 ta' Novembru 2024 |
| Il-perjodu tal-applikazzjoni tinfetaħ fis | 26 ta' Novembru 2024 |
| It-tieqa tal-applikazzjoni tagħlaq fil | 10 ta' Diċembru 2024 (23:59pm ħin GMT) |

Sharesave tiegħek se tibda fl-1 ta' Frar 2025 u se nagħmlu l-ewwel tnaqqis mis-salarju tiegħek f'Jannar 2025. Jekk qed tfaddal inti stess, dan għandu jibda jfaddal minn Jannar 2025.

Sharesave tiegħek timmatura fl-1 ta' Frar 2028 u se jkollok sitt xhur biex tiddeċiedi meta tuża t-tfaddil tiegħek biex tixtri l-ishma bil-prezz tal-opzjoni u żżommhom jew tbigħhom.

Se jkollok sat-31 ta' Lulju 2028 biex tiddeċiedi u tgħidilna x'tixtieq tagħmel bit-tfaddil tiegħek.

## ĦU SEHEM FIS-SUĊĊESS KOLLETTIV TAGĦNA

"Aħna nħeġġu lill-kollegi kollha biex jikkunsidraw il-benefiċċji u l-opportunitajiet li tikseb permezz ta' Sharesave. Tista' tkun għażla tajba; kemm jekk tista' biss tfaddal ftit kull xahar jew tridx tiddiversifika l-investimenti attwali tiegħek."

It-Tim ta' Share Plans

Flutter™

